MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 105/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Dolmen Complex Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef hames mija u hdax-il Lira Maltin u tnax-il centemzu (LM4,511.12c0) ammont dovut bil-quddiem, kwantu ghall-elf mitejn u lira Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM1201.77c0) bilanc ta' royalty ghall-perjodu 6 t'April tas-sena 2001 sal-5 t'April tas-sena 2002; u, elfejn u wiehed u sebghin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM2,071.34c0) royalty ghall-**

**perjodu 6 t'April tas-sena 2002 sal-5 t'April tas-sena 2003 in konnessjoni mal-licenzja numru 010822 (Dok. \`A'); mitejn u wiehed u disghin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM291.20c0) sentejn royalty ghall-perjodu 6 t'Ottubru tas-sena 2001 sal-5 t'Ottubru tas-sena 2003 in konnessjoni mal-licenzja numru 7198 (Dok. \`B' u \`B/1'); tlett mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u erbghin centezmu (LM358.40c0) bilanc ta' royalty ghall-perjodu 6 t'Ottubru tas-sena 2000 sal-5 t'Ottubru tas-sena 2001 in konnessjoni ma' l-istess licenzja 7198 skond il-prospett anness (Dok. \`C' u \`C/1\`); liema licenzji gew rilaxxjati mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment "New Dolmen Hotel" il-Qawra; u, hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM588.41c0) "*Taxxa fuq il-Valur Mizjud"* fuq l-ammont dovut;**

**Is-socjeta' attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tat-30 ta' Gunju tas-sena 2001, 30 ta' Gunju tas-sena 2002, 31 ta' Dicembru tas-sena 2001 u, 31 ta' Dicembru tas-sena 2002; kif ukoll dawk ta' l-Ittra Ufficjali tas-27 t'Awissu tas-sena 2002, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-25 ta' Marzu tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------